XGĦAJRA

Minuti tal-għaxar (10) laqgħa tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill li saret it-Tlieta, 6 t'April 2010; fil-5:30pm.

| **Preżenti:** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Anthony R. Valvo |
| Vici Sindku | Joe Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieġ |
| | Mario Buhagiar |

| **L-Uffiċjali:** | |
|---|---|
| Is-Segretarju | Carmelo Camilleri |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda - Attendenża u Apoloġiji–

   Ms. Marie Claire Depasquale skużata

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew moqrija u approvati.

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – *Matters Araising* – Punti li joħorġu mill-minuti.

   3.1 *Med-Design* permess tal-Perit Aron Abela ġie mgħoddi lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni tat-*Tenders* miftuħa a rigward *Tender* Nru KLX 1/09, *Xgħajra recreation centre including construction of Belvedere, multipurpose hall and changing rooms.* Dan ir-rapport ta' evalwazzjoni jindika fejn hemm x'anomalija fil-*Bill of Quantities* tat-*Tender* minn xi kuntratturi prospettivi. Għalhekk hemm bżonn klarifika. Insegwitu ta' dan il-Perit għandu jagħmel *Draft* ta' ittra lill dawn il-

kuntratturi biex b'indikazzjoni teknika jagħtu spjegazzjoni u/jew jikkonfermaw dawn l-anomaliji hekk teknikament indikati mill- *Med Design* il-Perit tal-Kunsill.

3.2 Iż-żewġ *Bye-Laws* ġew ippubblikati fil-Gazzetti ta' kuljum u l-Gazzetta tal-Gvern għall-attenzjoni tal-pubbliku biex fi żmien tlett ġimgħat jagħtu l-kummenti; sussegwentament tintbagħat lid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali għall-pubblikazzjoni finali.

3.3 A rigward it-tħammil tal-ħamrija u materjal ieħor fil-propost sit ta' faċilitajiet Sportivi u Rekrejattivi li kellu jsir mill-ażjenda *Smart City* għad ma hemmx risposta u dan għaliex il-*Quotations* għal dan ix-xogħol kienu għoljin fil-prezzatura u għalhekk qed nistennew xi żviluppi oħra fil-metodoloġija ta' kif se jsir dan l-iskavar.

3.4 A rigward it-*Tender* ġbir ta' skart bieb bieb għada pendenti billi t-*Tender* ( l-irħass waħda) taċċedi l-fondi allokati lill-Kunsill b'xi € 11,000 u għalhekk għal din il-fini ntalbu fondi addizzjonali biex jkopru l-ispejjeż tal-kuntratt.

3.5 Il-kuntrattur R. Bezzina beda i-kuntratt tal-knis tal-Lokalita' mill-15 ta' Marzu 2010.

3.6 A rigward ' Merħba Sign' qed nistennew li dan isir u li se jkun hemm abbozz ta' kif ġej.

3.7 Il-Laqgħa Pubblika saret kif kien ippjanat fiż-17 ta' Marzu 2010 u li kien hemm attendenza nkoraġġjanti. Saru wkoll diversi kummenti, ilmenti u suġġerimenti li tagħhom ittieħdu noti biex eventwalment jsir xi ħaġa dwarhom.

3.8 Il-figolli tqassmu kif kienu ppjanati u se ssir aġġudikazzjoni ta' tpingija sottomessi mit-tfal ta' diversi etajiet u li kellha tkun tpingija ta' tema tal-Għid il-Kbir.

3.9 Fondi taħt l-skema U.I.F. hekk miġbura mill-MEPA se jsir iffirmar nhar il-Ġimgħa, 9 t'April 2010 biex il-Kunsill eventwalment jkun jista' juża dawn il-fondi għal-*Street Furniture* u tisbieħ u apparat fil-faċilitajiet Sportivi u Rikrejattivi hekk kif propost.

3.10 Saret ħarġa Kulturali u Edukattiva fosthom it-Torri Mamo f'Marsaskala u l-Kappella tal-Bir Miftuħ, fil-Gudja u mbaghad iż-Żurrieq għal xi ħaġa żgħira tal-ikel.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

3.11 Ħarġa oħra ta' kull sena in konessjoni mall-Ġimgħa l-Kbira saret vista ta' diversi knejjes bħala kultura reliġjuża.

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda - Korrispondenza:

4.1 Saret talba biex il-Kunsill jkun affiljat fl-ECAD (European Cities Against Drugs) u li se jipparteċipa fl-Laqgħa li għandha ssir Għawdex fit-22 -24 t'April 2010. Il-Kunsill approva li jidħol membru f'din l-għaqda li fiha huma membri il-Kunislli kollha.

4.2 *Greenpack* impenjat ruħha li tgħati lir-residenti tal-Lokalita', tnax-il-borza ħadra b'xejn biex tkompli ssir is-separazzjoni ta' l-iskart domestiku u għal dan il-għan għandu jiġi stampat fuljett ta' informazzjoni lil kull resident tax-Xgħajra.

4.3 EU Funds- Il-MEUSAC ħarget direttivi ġodda għal applikanti li jużaw is-servizz tal-MEUSAC fosthom miżata li għanda titħallas qabel ma ssir l-applikazzjoni.

4.4 Il-Kunsill rċieva *memo* li jinteressa l-Lokalita' a rigward *Life Long Learning* u hemm il-ħsieb li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-iskema ta' *Seminars* ta' tagħlim u li hemm inċentiv ta' 50% rifuzzjoni ta' l-ispejjes.

5. Item Nru.5 fuq l-aġenda – Approvazzjoni u ratifiazzjoni tal-infieq:

Approvati u ratifikati l-infieq għax-xahar ta' Marzu 2010.

6. Item Nru. 6 fuq l-aġenda – *Tenders* u *Bye-Laws*

Kif ġie deskritt f'*Matters Arising*.

7. Item Nru 7 fuq l-aġenda – Xogħol madwar ix-Xgħajra.

7.1 Il-Perit ta' Dipartiment tax-xogħolijiet flimkien mas-Sindku, l-Vici Sindku daru l-*Promenade* biex jaġġornaw *snag list* u affarijiet oħra li jonqos li jsiru- lista annessa.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

8. Item Nru 8 fuq l-aġenda – Skemi ta' fondi mill-Gvern Ċentrali.

8.1 Saret applikazzjoni għall-fondi addizzjonali a rigward iż-żamma ta' ndafa fil-Lokalita' u li għaliha ma ngħatawx fondi biżżejjed fl-allokazzjoni.

8.2 Applikazzjoni għal installazzjoni photovoltajika biex il-Kunsill jkun protagonist fl-użu ta' l-enerġija nadifa mix-xemx.

9. Item Nru 9 fuq l-aġenda – Attivitajiet

9.1 Il-Kunsill se jipparteċipa flimkien ma' l-Kumitati tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar fil-festa ta' Lapsi, is-Sibt 16 ta' Mejju 2010 u dan billi l-maġġoranza ta' l-attivitajiet se jsiru fil-Lokalita'.

9.2 Se ssir ħarġa kulturali fil-*Mother's Day*.

9.3 Xgħajra *Day* imħabba diversi attivitajiet oħra ser issir il-Ħadd, 17 ta' Mejju 2010 u se tkun parti mill-attivitajiet ta` Lapsi.

10. Item Nru 10 fuq l-aġenda- Affarijiet oħra:Budget ippreżentat li dan huwa skond fondi kif allokati mill-Gvern Lokali.

11. Item Nru 11 fuq l-aġenda- Aġġornament

Aġġornament għal nhar it-Tlieta, 4 ta' Mejju 2010; fil-5:30pm.

________________________ ________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt